MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Numru. 1313/2011

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Francis George Grech, iben Francis George, imwieled l-Ingilterra fit-28 ta’ Novembru, 1974, karta ta’ l-identita numru 81591(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli f’Settembru, 2011 u fix-xhur u fis-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b’oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti

immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama' jew biża dwar ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn €232,94 iżda mhux aktar minn €2,329.37 għad-dannu tas-soċjeta' All Financial Services Limited;
2. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approporja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li kienet ġiet fdata jew ikkunsinjata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u cioe' s-somma ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu tas-soċjeta' All Financial Services Limited;
3. talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi approporja ruħu, iddenunzja lill-pulizija eskuttiva reat li jaf li ma sarx.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Ġunju, 2012 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ammont dovut lill-parte ċivile hu ta' elf euro (€1,000) u li seduta stante l-imputat ħallas lill-parte ċivile s-somma ta' ħames mitt euro (€500).

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 308, 310(1)(b) u 110(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat għal piena ta' sentejn priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sentejn mil-lum. Minbarra dan, rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta' ħames mitt euro (€500) lis-soċjeta' All Financial Services Limited fi żmien tletin (30) ġurnata mil-lum. Minbarra dan, tordna l-interdizzjoni tal-imputat għal żmien ħames snin mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti fil-proċeduri odjerni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------